# Insir Nafu Aktar Dwar



*Għal din il-Ħarġa, ħsibna sabiex inħejju ntervista mas-Sinjura Doris Camilleri li hija partitarja ferm attiva fi ħdan is- Soċjetà tagħna.*

*Is-Sur Mario Zammit ħejja din l-intervista. Is-Sezzjoni Żgħażagħ tirringrazzja lil Doris tal-ħin u l-ospitalita' li offrietilna.*

**M.Z. Kif tideskrivi tfulitek fil-ħajja tar-Raħal?**

D. C: Il-ħajja kienet sempliċi ħafna dakinhar. L-iżvog tan-nies kien fil-Pjazza tal-Knisja. Niftakar il-Pjazza minbarra l-Każini, kienet imdawra b'ħafna ħwienet, il-maġġoranza tagħhom tax-xorb. Fis-Sajf waqt il-ħemda kbira ta' filgħaxijiet ħafna rġiel kienu jiltaqgħu fil-ħwienet jixorbu l-inbid, F'ħanut biswit il-Każin tas-Soċjeta' kienu jiltaqgħu xi Għannejja jdoqqu l-Gitarra u l-Accordion.

In-nisa konna noqogħdu barra fuq l-għatiebi nitkellmu mal-ġirien. Minħabba s-sħana fis-Sjuf niftakarna norqdu fuq l-għatiebi u bil-bibien miftuħin. Insomma vera kienet differenti l-ħajja dak iż-żmien.

**M.Z. : Kif tqabbel il-Festa ta' dari mal-Festa ta' illum ?**

D. C. : Il-Festa dari kienet issir l-Aħħar Tridu, Lejlieta u Nhara. L-Armar ma kienx bl-abbundanza bħal ma hu llum. Kien hawn l-Appostli tal-Pjazza, Pilandri fejn l-Iskola u l-Anġli fit-trieq tan-Nofs u l-Pedestall il-Kbir fost l-oħrajn.

Niftakar meta kien jiġi xi Monsinjur kien jiġi milqugħ bil-Banda. Bħala Nar kienu jinħarqu ħafna musketterija u maskli. Matul is-sena kienu jiġu organizzati Fieri, Tombla u anke Teatrini. Kienet issir logħba fejn konna nagħżlu numru u nħallsu xi ħaġa tal-flus, imbagħad xi ħadd kien idawwar rota kollha numri u fuq liema numru tieqaf, ta' min ikun dak in-numru jirbaħ. Kienet issir logħba fejn kienu jitpoġġew kaxxi fl-art forma ta' ċirku u kulħadd jagħżel kaxxa. Imbagħad jintelaq fenek fin-nofs u ġo liema kaxxa jidħol, min ikun għażel dik il-kaxxa jirbaħ il-fenek. Il-premjijiet kienu jkunu affarijiet tad-dar. Niftakar is-Sala tal-Każin kienet tinkera għat-Tiġijiet. Flok il-Marċ ta' Nofsinhar kien isir il-Marċ tat-Tedew, Lejlieta, u x-Xalata kienet tkun kbira fejn konna nikru numru mhux ħażin ta' privates. Wara li naslu mill-Għarmier u Baħar iċ-Ċagħaq kienu jagħmlu xi żewġ biċċiet Nar ta' l-Art fejn il-Każin.

**M.Z. : X'ħajjrek tersaq lejn il-Każin?**
D.C : Minn meta kont żgħira kont inħobbha l-Festa.
Għalkemm dak iż-żmien ma kontx attiva fl-organizazzjoni, dejjem kont inkun min ta' quddiem f'kull attivita' tal-Festa. Kien f'dawn l-aħħar snin li bdejt insir attiva fil-Każin.

**M.Z: X'inhu s-sehem tiegħek fil-Każin?**
D. C.: Dawn l-aħħar snin is-sehem prinċipali tiegħi hu l-bejgħ tal-biljetti tal-lotteriji fejn jiena ngħin lis-Sezzjonijiet kollha tal-Każin.
Flimkien ma' sħabi dejjem kelli sehem fil-ħjata tal-maġġoranza tal-Pavaljuni li saru. Sehemi ntih ukoll fit-tindif tal-Każin.

**M.Z : Hemm xi Festa li ma tinsa' qatt?**
D. C : Bla dubju dik ta' l-1986 meta ndurajna l-Vara ta' Santa Marija. Niftakar meta ħadniha kien hemm ġemgħa kbira fiz-zuntier, kulħadd bid-dmugħ f'għajnejh.
Meta ġibniha lura mill-Imdina, waqafna fejn fil-post magħruf bħala Il-Faċċata, eżatt bidu ta' Valletta Road. Minn hemm il-Partitarji laqgħu b'ċapċip u ferħ kbir il-Vara u akkumpanjawa għall-Knisja.

**M.Z: X'iġagħlek tagħti sehmek għall-Festa ?**
D. C: Jiena nħobb il-Festa u nieħu pjaċir naħdem għall-Festa b'sagrifiċċju.

**M.Z: X'Messaġġ tagħti liż-Żgħażagħ?**
Liż-Żgħażagħ ngħidilhom prosit ta' dak kollu li qegħdin jagħmlu u nħeġġeġ lilhom u lil kulħadd biex jitrawmu aktar ħalli meta jasal iż-żmien li jiehdu f'idejhom it-tmexxija, jibqgħu għadejjijn fuq dak li qegħdin nagħmlu aħna.


Is-Sezzjoni Żgħażagħ ser tonganizza
għat-tielet sena konsekuttiva

***ĠIMGĦA MARJANA***

Mit-13 sad-19 ta' Mejju 2007

**Kull min huwa nteressat li jgħaddilna xi Statwi/Pitturi/ Kwadri/Ritratti tal-Madonna għandu jċemplilna fuq 99896164 – 99825738**

***Grazzi ta' l- appoġġ!***